TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 208/17-F

**Anthony u Anna Schembri**

**vs**

**Orange Travel Group Ltd.**

Illum 26 ta' Ġunju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-16 ta' Novembru, 2017 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf, mitejn u wieħed u disgħin ewro (€1,291), rappreżentanti diversi problemi li kellhom fuq il-cruise.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu bbukjaw cruise mad-ditta ntimata, u fuq dan il-cruise liner kienu viċin is-swimming pool bil-konsegwenza li matul il-lejl kien ikun hemm ħafna storbju li ma setgħux jorqdu. Illi minkejja li ħallew ftit jiem jgħaddu u wara li lmentaw irriżulta li biddlulhom il-kamra wara li xi ħadd mill-passiġġieri ma telax fuq il-vapur bil-konsegwenza li wara kellhom post, għax il-vapur kien fully booked.

L-intimat issottometta li ma jmisshomx iħallu dak iż-żmien kollu sabiex jiġu jilmentaw għaliex kienu jsibu soluzzjoni.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, mhux konvint mis-soluzzjoni stante għal fatt illi l-vapur kien mimli u kien propju għax xi ħadd mill-passiġġieri baqa' l-art, li setgħu sabu kamra oħra.

It-Tribunal, ukoll jikkonkludi li meta wieħed jibbukja għal cruise għandu dritt li jirrileksja u mhux ikun suġġett għal storbju matul il-lejl, riżultat ta' xi xogħlijiet li qed isir fuq is-swimming pool.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' seba' mitt ewro (€700), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**